MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 115/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Emanuel Grech, detentur tal-karta tal-identita` numru 239155(M), talli fil-25 ta' Awwissu 2011 għall-ħabta tal-10.45hrs u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Birzebbugia ħebb għall-persuna ta' Sevion Grech ta' 4 snin u kkaġunalu ġriehi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Alexandra Baldacchino MD ta' Paola Health Centre;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Frar 2012 li permezz tagħha, wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9

tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Grech ħati ta’ l-imputazzjoni dedotta u ordnat il-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni għal sena favur Sevion u Sable Grech ai termini ta’ l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Grech ippreżentat fit-8 ta’ Marzu, 2012 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentment tilliberah minn kull htija jew, alternattivament, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata u tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn sabitu hati u tvarja 1-piena inflitta u tissostitwiha għal waħda aktar miti u ġusta għal dan il-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:

“1. Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti filli f’dan il-każ, mill-provi imressqa ma kienx hemm lok li tinstab ħtija fil-konfront tal-appellant u dan peress li minn dak li rriżulta ma hemmx l-elementi rikjesti biex l-appellant kien instab ħati tal-imputazzjoni kif imressqa.

“Illi l-ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati taħt l-artiklu 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta liema artiklu jimplika li fil-konfront tal-imputat irid jiġi ppruvat mhux biss li kien hemm ġriehi ħfief iżda li l-istess imputat, f’dan il-każ l-appellant kellu d-dolo li jikkaġuna ġriehi ta’ natura ħafifa.

“Illi mill-provi imressqa irriżulta li l-minuri Sevion Grech kien flimkien mal-appellant li huwa n-nannu patern tiegħu. L-appellant huwa wieħed mill-persuni li jieħdu ħsieb il-minuri u dan peress li l-kura u 1-kustodja tal-istess minuri, fl-aħjar interess tal-minuri, ġiet fdata f’idejn il-missier u mhux f’idejn l-omm.

"Illi l-omm, mhux talli m'għandiex il-kura u kustodja tal-minuri, talli għandha aċċess viġilat għall-istess minuri stante li l-minuri ma jistgħux ikunu waħedhom mal-omm.

"Illi l-istess minuri għandu kundizzjoni li teħtieġ għajnuna peress li għandu kundizzjonijiet li huma meqjusa bħala *behavioural problems* a kawża ta' kundizzjoni psikjatrika.

"Illi fil-ġurnata tal-inċident, il-minuri Sevion Grech, meta kien fil-kumpanija tal-appellant, li kif ġa` mistqarr u jirriżulta mill-provi, l-appellant huwa wieħed min-nies li jieħdu ħsieb lill-istess minuri, l-istess Sevion Grech kellu injama li permezz tagħha kien qiegħed jagħti daqqiet lill-istess appellant.

"Illi dan kollu seħħ fil-preżenza tal-missier tal-istess minuri li ghandu l-kura u l-kustodja tal-istess minuri għar-raġunijiet hawn fuq spjegati.

"Illi l-appellant biex juri lill-istess minuri li m'għandux jagħti daqqiet lill-ħaddieħor, ta daqqa lill-minuri b'mod ħafif u mingħajr intenzjoni li jikkawża xi ġrieħi lill-istess minuri iżda bl-iskop uniku li juri li jekk jagħmel hekk, jiġifieri li jagħti daqqiet, il-minuri ikun qed jonqos.

"Illi meta wieħed għalhekk jevalwa dak li seħħ fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, wieħed ma jistax jgħid li l-appellant kellu l-intenzjoni li jikkawża xi ferita ħafifa fuq il-minuri u għalhekk, ma kienx hemm l-*animus* meħtieġ biex il-Qorti ssib lill-imputat ħati ai termini tal-artiklu 22l(l) tal-Kap. 9.

"Illi f'dan il-każ, żgur ma kienx hemm każ ta' xi maltrattament fuq minuri. Dan il-każ huwa każ ċar ta' nannu patern li ħa azzjoni ta' natura korrettiva, bla intenzjoni li jweġġa', la dik speċifika u lanqas dik ġenerali, u żgur li għalhekk ma hemmx il-lok li l-appellant għax ikkorreġa lill-minuri mingħajr l-intenzjoni kif imfisser jinstab hati daqs li kieku ħaqar jew ried li jaħqar jew li jikkorreġi b'mod eċċessiv lill-istess minuri.

"2. Illi t-tieni aggravju jikkonsisti filli mill-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti irriżulta li l-ferita li għaliha saret

riferenza fiċ-ċertifikat mediku esebit in atti, tali ferita tirrisali għal xi jiem qabel meta l-istess minuri waqa' u weġġa' waqt li kien qed isuq ir-rota, liema ferita ġiet ikkonfermata minn terzi u cioe` is-*social worker* li xehdet fil-proċeduri u li kkonfermat li din il-ferita kienet hemm qabel l-inċident mertu ta' din il kawża.

"Illi għalhekk, oltre li hemm in-nuqqas ta' *animus* kif ampjament spjegat fl-aggravju preċedenti, hemm element nieqes u cioe` l-prova li l-ferita ċertifikata minn Dr. Alexandra Baldachino kienet riżultat tal-inċident *de quo* u mhux ta' inċident preċedenti kif wara kollox xehed is-*social worker* quddiem l-ewwel Qorti.

"Illi għalhekk hemm nuqqas serju fil-provi mressqa, anke minn dan l-aspett għaliex jekk hemm dubbju dettat mir-raġuni dwar il-kawża tal-ferita li għaliha ssir riferenza fl-imsemmi ċertifikat, tali dubbju għandu jimmilita favur l-imputat.

"3. Illi t-tielet aggravju subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li l-Qorti jidhrilha li hemm lok li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-piena nflitta hija waħda li ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ u m'hiex idonea oltre li hija eċċessiva.

"Illi l-Qorti a bażi ta sejbien ta' ħtija ħarġet Ordni ta' Protezzjoni għal sena favur Sevion u Sable Grech kontra l-istess appellant.

"Fl-ewwel lok jiġi rilevat illi f'dan il-każ kien hemm involut biss Sevion Grech u mhux Sable Grech wkoll u għalhekk wieħed ma jistax jifhem il-ħtieġa ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Sable Grech apparti Sevion Grech.

"Fit-tieni lok, l-ordni ta' protezzjoni aktar milli se tkun ta' benefiċċju għall-istess minuri se tkun ta' detriment għalihom għax se ċċaħħadhom milli jkollhom il-kura li dejjem kellhom tal-appellant li jiġi n-nannu tagħhom li kontinwament jieħu ħsieb l-istess minuri.

“Illi wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-fatt li l-unika residenza li għandhom il-minuri hija l-istess residenza tal-appellant fejn il-minuri jgħixu ma’ missierhom, l-appellant u mart l-appellant li hija n-nanna tagħhom. Għalhekk, din il-piena ta’ ordni ta’ protezzjoni la hija idonea u tista’ titqies biss bħala eċċessiva.”

**6.** L-ewwel żewġ aggravji jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. Din il-Qorti eżaminat l-affidavit ta’ P.S. 645 Jerry Attard u l-affidavit tat-tabiba Dr. Alexandra Baldacchino, kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti quddiem l-Ewwel Qorti, u semgħet mill-ġdid ix-xiehda ta’ Ingrid Vassallo, *service area leader* tat-taqsima tal-Qorti ta’ l-aġenzija APPOĠĠ, ta’ Rita Grech, omm il-minuri, u ta’ Brian Grech, missier il-minuri.

**7.** Din il-Qorti sejra toqgħod fuq ix-xiehda li ta Brian Grech li kien xhud okulari ta’ l-inċident mertu tal-każ. Jidher illi l-inċident seħħ fil-garaxx tal-familja fejn kienu qegħdin dan Brian Grech flimkien ma’ ibnu Savion u missieru l-appellant. Brian Grech jiddeskrivi l-inċident hekk: “Konna qegħdin fil-garaxx u f’ħin minnhom ġie Savion, ta daqqa ta’ njama lil missieri, missieri x’ħin tah id-daqqa mar u tah daqqa oħra, bil-mod tahielu għax kont hemm jiena, kieku żgur mhux ha nħallieh itihielu, lil missieri, u t-tifel telaq.” Mix-xiehda tiegħu jirriżulta li d-daqqa ngħatat f’ġenbu lil Savion. Dott. Alexandra Baldacchino fl-affidavit tagħha tikkonferma ċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnha fil-25 ta’ Awissu 2011 u tiddeskrivi l-offiża li ġiet riskontrata minnha bħala “tbenġil fuq il-kustilji (9 u 10) fuq in-naħa ta’ quddiem tas-*side* fuq il-lemin. Kien hemm ukoll  xi ħmura madwar dan it-tbenġil.”

**8.** Din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju li din l-offiża ġiet kaġunata mid-daqqa li l-appellant ta lil Savion Grech dak il-ħin li ħa l-injama minn idejn Savion wara li dan Savion kien ta daqqa biha lill-appellant, li jiġi nannuh. L-appellant jgħid illi ma kellux l-*animus* illi jweġġa’ lil Savion. Iżda anke jekk stess l-appellant ta d-daqqa lil Savion bħala tagħlima, m’hemmx dubju illi l-*animus* kien hemm, għax it-tagħlima kienet li daqqa ta’ njama tweġġa’. Jiġifieri kien l-intenzjoni li jinfliġġi xi forma ta’ uġigħ fuq Savion.

Ċertament dan mhuwiex il-mod ta' kif tikkorreġi tifel ta' erba' snin. Kwindi l-ewwel żewġ aggravji huma miċħuda.

**9.** Kwantu għall-fatt illi l-Ewwel Qorti għamlet Ordni ta' Protezzjoni, din il-Qorti tosserva illi l-liġi titkellem dwar tali Ordni li tinħareġ kontra "l-akkużat". L-artikolu 412C(1) fil-fatt jipprovdi testwalment:

**"412Ċ. (1) Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa 'l-akkużat') tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' inkjesta kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-qorti tista', minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat."**

**10.** Jiġifieri Ordni ta' Protezzjoni tinħareġ fil-mori tal-kawża. Meta jintemmu l-proċeduri permezz tas-sentenza, hemm miżuri differenti li huma applikabbli bħala piena, fosthom l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u li din il-Qorti sejra tapplika. Inoltre, stante illi l-imputazzjoni kienet tirrigwarda lil Savion Grech, l-obbligazzjoni sejra tkun fir-rigward ta' l-imsemmi Savion Grech.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal sena favur Sevion u Sable Grech ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-appellant Emanuel Grech b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghall-perijodu massimu ta' tnax-il xahar skond l-istess artikolu 383 sabiex tkun imħarsa is-sigurta` ta' Savion Grech taht penali ta' elf euro (€1,000) fin-nuqqas, liema obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------